**Kummenti tas-Sindku Dwar ir-Rapport Amministrattiv Tas-Sena minn Jannar 2012 sa Diċembru 2012.**

Għeżież Residenti,

Ninsab onorat li qed nindirizzakom u nixtieq nieħu din l-opportunita’ biex nirringrazzjakom tal-attendenza tagħkom. L-ewwel sena ta’ ħidma għaddiet u ninsabu quddiemkom biex nagħtu rendikont tal-ħidma mwettqa fl-ewwel sena.

Irid nieħu l-opportunita sabiex insellem lis-Sindku preċedent Dr. Chris Bonett u lill-Kunsilliera li ma reġgħux ikkontestaw għal Kunsill Dr. Ian Micallef, Dr. Malcolm Camilleri, s-sur Anthony Abela u s-sur Anthony Grech.

Il-karatteristika prinċipali ta’ dan il-Kunsill Lokali kemm ilna li nħtarna hija waħda ta’ għaqda u ninsab sodisfatt ħafna li bħala Kunsilliera naħdmu ilkoll tajjeb flimkien. Bi kburija ngħid li tul din is-sena qatt ma kien hemm okkażjoni fejn il-Kunsill kien mifrud u qatt ma daħlet xi pika politika bejn il-Kunsilliera. Ta’ dan nirringrazzja lil Kunsilliera għar-rispett lejn xulxin u aktar minn hekk għar-rispett li qed nuru lejn ir-residenti kollha tal-lokalita’ tagħna.

Matul l-ewwel sena il-Kunsill Lokali kien limitat fl-aspett finanzjarju minħabba li l-proġett ta’ asfaltar tat-Toroq Ponsombi u Stuart ħalla impatt negattiv ta’ € 65,000. Irid ngħid li x-xogħol kien meħtieġ imma din id-devjazzjoni finanzjarja ma kienetx mistennija minħabba li waqt ix-xogħolijiet instab li fil-parti ta isfel tat-triq is-sodda ta’ żewġ toroq kienu mibnija fuq il-ħamrija u għalhekk sar xogħol biex it-triq is-servi.

Matul is-sena 2012 tniedet il-ħidma biex tiġi mtaffija l-problema ta’ parkeġġ. Ir-residenti tagħna għandhom problema ta’ nuqqas ta parkeġġ u dan qed ikun ta inkonvenjent għalihom. Kien għalhekk li l-Kunsill qabel li jibda jesplora l-possibilita li jintroduċi l-iskema ta’ parkeġġ li jkun bil ħin għal sewwieqa li ma jkunux mill-lokalita. Biex għamilna dan għamilna survey mat-toroq kollha tal-Gzira biex is-sottomettejna applikazzjoni ma’ Transport Malta. Din l-iskema waslet fil-fażi ta’ introduzzjoni fil-ġranet li ġejjin.

Qasam importanti li dan il-Kunsill qed iħares lejh huwa bla dubju l-importanza tal-qasam soċjali. Dan is-servizz jinsab nieqes f’din il-lokalita. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jara kif jibda joffri servizz bil-kollaborazzjoni ta’ dipartimenti tal-Gvern u entitajiet pubbliċi oħra.

Qasam importanti li tajna kienet il-problema tal-għargħar. Din il-lokalita hija vittma tal-qagħda ġeografika tagħha meta jagħmel il-maltemp. Għandna toroq fejn il-problema hija tagħli li l-familji kif ukoll in-negozzji jbagħtu b’dan l-għargħar. Il-Kunsill

beda u qed ikompli jaħdem biex jikkonvinċi lil-Gvern Ċentrali biex isir investiment kemm ta tiswijjiet u kif ukoll ta bini mill-ġdid f'dan il-qasam.

Nikkonkludi, il-ħidma ta dan il-Kunsill hija ibbażata fuq premessa waħda u unika. Ix-xogħolijiet li jitwettqu jridu jkunu għal ġid tal-komunita lokali kollha. L-interess tar-residenti hija mportanti kif ukoll l-interess tal-komunita kummerċjali. Bħala Kunsill mhux ser inkunu suppervi li jekk inniedu proġett ser nimpikaw li dan isir bil-fors jekk naraw li dan l-istess proġett ma jkunx qed jaħdem sewwa. L-iskop huwa, li dak li nagħmlu nagħmluh għal ġid tal-lokalita. Dak huwa li nemmnu u dak huwa l-mod li ser immexxu bih.

**Roberto Cristiano**
**Sindku**

**Rapport Amministrattiv**

1. **Daħla**

Dan ir-rapport amministrattiv jinzerta f'perjodu bejn leġislatura u oħra. Parti min dan ir-rapport jittratta l-ħidma mwettqa sa l-aħħar ta' Marzu 2012 taħt it-tmexxija tas-Sindku Dr. Chris Bonett filwaqt min April 2012 il-Kunsill beda jitmexxa mis-Sindku Roberto Cristiano.

L-operat tal-Kunsill Lokali kompla fuq is-sistemi li ġew introdotti fl-aħħar snin, fejn apparti allokazzjoni finanzjarja diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill permezz ta' skemi mnedija mill-istess Gvern, applika għall-fondi addizzjonali sabiex b'hekk ikun jista jinvesti aktar fil-lokalita għal-ġid tal-komunita Gżirjana.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali l-ammont ta' € 485,780, liema allokazzjoni, kienet maħduma skond it-tmien skeda ta' l-Att XVI tal-2009, Konsolidazzjoni tal-Liġi dwar il-Kunsill Lokali, bbażata fuq il-funzjonijiet hawn taħt imsemmija:

a) żamma ta' ġonna u *soft areas*
b) manutenzjoni tat-toroq
c) immaniġjar ta' l-iskart, nkluż tindif tat-toroq,
d) nefqa għall-amministrazzjoni, nkluż l-allowance tas-Sindku u l-Kunsilliera
e) fond għall-aġġustament
f) ammont allokat għall-*tipping fees*

Matul din is-sena, il-Kunsill irċieva flus direttament għall-ispejjeż tat-*tipping fees*, fond li jkun utilzzat għall-ħlasijiet li l-Kunsill Lokali qed ikun mitlub jagħmel skond it-tunnellaġġi ta' skart domestiku ddepożitati fl-impjanti. Apparti minn din l-allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill Lokali għandu wkoll għad-dispożizzjoni tiegħu, flus fil-fond tal-Urban Improvement Fund fi ħdan il-M.E.P.A., sabiex ikunu jistgħu jkomplu jiġu ppjanati proġetti skond kif jirrikjedu r-regolamenti ta dan il-fond.

2. **Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-sena Jannar sa Diċembru 2012.**

Matul din is-sena finanazjarja, l-Kunsill kompla fuq il-ħidma mwettqa fis-snin li għaddew.

**2a). Jum il-Gżira**

Fix-xahar ta Mejju kellek l-attivitajiet relatati ma Jum il-Gżira fejn ġew imħejjija numru ta attivitajiet fil-komunita.
Is-Sotto-Kumittat tal-Anzjani organizza żjarat fiċ-ċentru tal-Anzjan tal-Gżira fejn saru żjarat lil Anzjani, żjara oħra kienet fid-djar ta persuni li għandhom aktar min 80 sena filwaqt saret żjara oħra lill-anzjani Gżirjani fir-residenza San Vinċenz De Paul.

Attivita oħra f'Jum il-Gżira kienet *clean-up day* għat-tfal tal-iskola Primarja u Sekondarja u għat-tfal ta l-iskola ta' Santa Monika. Dawn it-tfal fl-imkien ma numru ta għalliema middew idejhom u għenu fit-tindif tal-Ġnien Kunsill tal-Ewropa bħala ġest simboliku. Waqt din l-attivita kull skola żraw siġra fil-Ġnien Kunsill tal-Ewropa bħala tifkira tal-attivita. Barra min hekk it-tfal tal-Primarja tal-lokalita ipparteċipaw f'kompetizzjoni ta' tpinġija dwar il-lokalita.

Attivita oħra għal Jum il-Gżira kienet tindif simboliku tax-xatt min numru ta student Belġjani. Dawn l-istudenti li kienu qed jitagħlmu l-ingliż f'waħda mill-iskejjel tal-ingliż fil-Gżira ipparteċipaw u f'din l-attivita. Siġra oħra kienet miżruha fil-Ġnien Kunsill tal-Ewropa u għal din iċ-ċerimonja qasira kien hemm preżenti l-Ambaxxatur Belġjan.

**2b). Attivitajiet Soċjali u Kulturali**

Qasam importanti ħafna li l-attivitajiet ma jonqsux huwa s-settur tal-anzjani fejn permezz tas-Sotto Kumitat responsabli min dan il-qasam jiġu mħejjija attivitajiet kull xahar filwaqt fix-xahar ta Mejju kien hemm aktar min attivita waħda. Għandu jintqal li dan is-sotto kumitatt huwa ferm effettiv u l-parteċipazzjoni tal-anzjani qegħda dejjem tiżdied.

Għal sena oħra, s-*Summer Music Nights* reġgħu ġew organizzati, u l-parteċipazzjoni tagħhom kienet waħda numeruża. Tajjeb li jintqal, li filwaqt li jkollok numru ta parteċipazzjoni isibu persuni li jwasslu l-ilmenti dwar din l-attivita.

Fil-Milied għall-ewwel darba ġie organizzat *Christmas Market* u permezz tal-Gżira Drama Group itelgħa presepju ħaj. Din l-attivita saret fil-Ġnien Kunsill tal-Ewropa. L-għaqdiet tal-lokalita ġew mogħtija l-opportunita li jipparteċipaw

f'din l-attivita u li jtellgħu *stall* kull għaqda biex iservi ta fund raising għal dik l-organizazzjoni.

**2c). Edukazzjoni**

Impenn ieħor li l-Kunsill Lokali daħal għalih huwa dak edukattiv. Bi tkomplija mas-sena preċedenti l-Kunsill Lokali estenda l-attivitajiet edukattivi tiegħi għal matul din is-sena, li qed jiġu organizzati fiċ-Ċentru ta' Attivitajiet. Anke fir-rispett tal-korsijiet tal-crafts, għal-ħames sena konsekuttiva l-Kunsill kompla għaddej fuq il-kunċett ta' *crafts club*, bit-tagħlim jingħata mill-kordinatriċi Alexandra Galea.

Dan il-Kunsill kompla jipparteċipa fil-proġett ta' edukazzjoni Tagħlim Tul il-Hajja fejn matul din is-sena offra opportunita lir-residenti jirċievu tagħlim fil-livell bażiku tal-Ingliż u l-Malti.

Inizjattiva oħra li ħa il-Kunsill Lokali kien fil-qasam tal-Informazzjoni Teknoloġika. Il-Kunsill organizza korsijiet tal-kompjuter għat-tfal biex jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom mal-kompjuter. Barra min hekk, kors ieħor li kien organizzat kien dak għal persuni adulti liema parteċipazzjoni kienet impresjonanti u l-aktar li qatt attendew parteċipanti.

**2d). Librerija Pubblika**

L-investiment fil-librerija pubblika kompliet tissaħħaħ b'aktar investiment f'kotba ġodda. Il-Kunsill ipparteċipa fl-iskema mnedija mill-Gvern fejn l-ammont investit mill-Kunsill jiġi rdupjat mill-Gvern Ċentrali. Għalhekk il-kunsill investa € 300 f'kotba ġodda u l-istess ammont inagħta mill-Gvern Ċentrali.

Il-parteċipazzjoni fil-librerija qegħda kull sena tissokta u dan huwa mertu għall-impenn kontinwu tal-Librara Nathalie Camilleri. L-impenn tal-Kunsill Lokali jibqa' li nippromwovu l-importanza tal-qari partikolarment għat-tfal tal-lokalita tagħna.

**2e). Infrastruttura**

Il-Kunsill Lokali kompla bil-impenn tiegħu fil-qasam infrastruturali u għalhekk ipparteċipa fil-programm li nieda l-Gvern Ċentrali ta' Public Private Partnership fuq xogħolijiet tat-toroq.

Waqt din is-sena finanzjarja sar xogħol estensiv ta' xogħolijiet li kienu Triq Ponsombi u Triq Stuart. Dawn iż-żewġ toroq sar xogħol ta asfaltar fuqhom, ġew mibnija l-bankini mill-ġdid filwaqt li saru s-servizzi tal-Ilma mill-ġdid ukoll.

F'dawn iż-żewġ toroq il-Kunsill iltaqgħa ma problem tekniċi meta l-partijiet ta isfel tat-toroq, jiġifieri mix-Xatt sa l-ewwel kantuniera kellhom jinbnew mill-ġdid minħabba lit-triq kienet mibnijja fuq il-ħamrija. Dan wassal biex kien hemm devjazzjoni negattiva mill-istima oriġinali.

Tkompla x-xogħol ta manutenzjoni skond il-kuntratti perjodiċi fis-*soft areas* tax-Xatt u l-Ġnien Kunsill tal-Ewropa u pjazza Meme Scicluna permezz tal-E.L.C., saru xogħolijiet ta' *road markings*, tranġar u nstallar ta' tabelli ġodda tat-traffiku permezz tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali, u xogħol ta Patching u Pavement Re-instatement Works mill-kuntrattur J&K Contractors.

Xogħol ieħor ta manutenzjoni qed isir ukoll mill-ħaddiema tal-IPSL u l-ħaddiema li jintbagħtu mill-Employment and Training Corporation fuq xogħol ta manutenzjoni bħal żebgħa ta' bankini, ħadid, bankijiet u *gazebos*, patching temporanju fost affarijiet oħra.

**2f). Ambjent**

B'kontinwazzjoni mas-snin preċedenti, s-servizzi ambjentali komplew jiġu offruti mill-istess kuntratturi ngaġġati mal-Kunsill Lokali minkejja li l-perjodu kuntrattwali skada. Għalhekk fix-xhur li ġejjin iridu joħorġu tenders mill-ġdid hekk kif stipulate bir-regoli finanzjarji.

Il-Kuntratturi li joffru dan is-servizz huma:

Knis – SRF Cleaning Services;
Ġbir ta' skart domestiku - Emanuel Mifsud
Ġbir ta' skart separate – GreenPak bi sħab ma Emanuel Mifsud
Ġbir ta' skart goff- Emanuel Mifsud
Manutenzjoni u ġestjoni ta' latrina – Emanuel Mifsud
*Soft Areas* u Ġonna – Environmental Landscaping Consortium (E.L.C.)

**2g). Niġġieldu l-Problema tal-Għargħar**

Bi tħejjija għax-xhur tax-xitwa, il-Kunsill Lokali reġa naddaf il-bokok u meded tal-*culverts* tat-toroq ix-Xatt, Emanuele Giordano, Luqa Briffa, Turu Rizzo, Triq Sliema, Triq ix-Xatt Ta'Xbiex u D'Argens.

Hekk kif waħda mill-aktar problem tal-għargħar hija fi triq ix-Xatt ta Ta'Xbiex, il-Kunsill fetaħ *culvert* li kien mirdum quddiem triq il-Gżira. Dan qed iwassal biex l-ilmijiet jinżlu aktar malajr u ż-żamma tal-ilma fit-toroq tonqos.

**2h). Sejħiet għall-Offerti**

Matul is-sena finanzjarja ġew pubblikati sejħiet għall-offerti għas-servizzi elenkati hawn:

GLC T004/2012 – Tender għal tindif u *maintenance* ta *Soft Areas* u Ġonna.

Dan it-tender ġie ġudikat min kumitat apposta liema persuni ma humiex membri tal-Kunsill filwaqt li huma professjonali f'dan il-qasam. Għal dan it-tender kien hemm żewġ kontestanti u ġie mirbuħ mid-ditta Environmental Landscaping Consortium.

Fl-istess sena finanzjarja l-Kunsill ippublika 2 kwotazzjonijiet li kienu:

- Quotation GLC 004/2012 – Mobile Toilets
- Quotation GLC 006/2012 – Christmas Lights

Expession of interests kien hemm tnejn għal Environmental Coordinator u Cash in Transit.

Dawn iż-żewġ expression of interests ġew sospiżi minħabba li l-Kunsill qed iħares lejn possibilitajiet oħra biex titnaqqas l-ispiża finanzjarja.

**3). Rapport Finanzjarju**

Il-Kunsill żamm l-istandards tas-servizzi u anke f'ċertu każijiet ittejibhom.

Il-Gvern Ċentrali trammite tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ skema biex xogħolijiet ta *resurfacing* b'asfaltar isir fuq sistema ta' Public Private Partnership. Il-Kunsill Lokali daħal għal din l-iskema għat-Toroq Stuart u Ponsombi.

In-nefqa tal-Kunsill Lokali kienet ikkonċentrata partikolarment fuq il-punti hawn taħt msemmija:

**3.1).** Tindif, inkluż ġbir ta' skart goff, domestiku imħallat, knis - **€ 206,875**
**3.2).** Sinjali, marki u tabelli **- €15,111**
**3.3).** Manutenzjoni ta toroq, bankini u culverts - **€35,610**
**3.4).** Servizzi professjonali - **€16,651**
**3.5).** Ġonna - **€26,721**
**3.6).** Street Lighting - **€7,446**

**3.7).** Amministrazzjoni **- €166,042** (jinkludu pagi, onorarji, dawl, ilma, telephones u spejjez oħra relatati)

**4). Amministrazzjoni tal-Kunsill**

Il-Kunsill iħares lejn il-ħidma tiegħu għas-sena Jannar u Diċembru 2012 bħala waħda sodisfaċenti.

Matul il-perjodu 1 ta' Jannar 2012 sal-31ta' Diċembru 2012, issejħu 14-il laqgħa tal-Kunsill Lokali li minnhom tlieta ma sarux minħabba l-fatt li ma kienx hemm kworum.

L-attendenza ta' dawn il-laqgħat kienet hekk kif elenkat:

**Il-Ħames Leġislazzjoni**

| | Laqgħat | Preżenti | Skużati | Assenti | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|---|
| Chris Bonett | 5 | 5 | 0 | 0 | 100% |
| Joseph Camilleri | 5 | 4 | 1 | 0 | 80% |
| Anthony Abela | 5 | 5 | 0 | 0 | 100% |
| Anthony Grech | 5 | 3 | 2 | 0 | 60% |
| Ian Micallef | 5 | 3 | 2 | 0 | 60% |
| Victor Rutter | 5 | 5 | 0 | 0 | 100% |
| Malcolm Camilleri | 5 | 3 | 2 | 0 | 60% |

**Is-Sitt Leġislazzjoni**

| | Laqgħat | Preżenti | Skużati | Assenti | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|---|
| Roberto Cristiano | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Joseph Galea | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Vincenza Attard | 12 | 10 | 2 | 0 | 83% |
| Joseph Camilleri | 12 | 8 | 4 | 0 | 66% |
| C. Micallef StJohn | 12 | 11 | 1 | 0 | 90% |
| Victor Rutter | 12 | 9 | 3 | 0 | 75% |
| Joseph M. Muscat | 12 | 11 | 1 | 0 | 90% |

## 5). Għeluq

Il-Kunsill huwa sodisfatt bil-ħidma li għamel fis-sena finanzjarja Jannar 2012 sa Diċembru 2012. Dan partikolarment meta l-proġetti infrastrutturali ta toroq jiġifieri ta Ponsomby u Stuart ħallew lil Kunsill Lokali f'deficit ta madwar €65,000. Minkejja dan il-Kunsill Lokali xorta waħda ħadem sabiex iwettaq xogħolijiet għal ġid tal-komunita'.

Fl-aħħar nett, inawgura li l-ħidma tal-Kunsill Lokali kien ta benefiċċju għar-residenti u l-komunita' kummerċjali tal-lokalita' tal-Gżira.

**Hugh Zammit**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**